# Lapidi Kommemorattivi



Raymond Sant

Ta' sikwit immur xi mixja fil-kampanja ta' madwar ir-raħal.
Meta timxi, mhux bħal meta tgħaddi bil-karozza, ikollok l-opportunità li tapprezza aktar dak li jagħmel il-kampanja naturali Maltija.
Tinnota l-għamliet diversi ta' għelieqi, il-kmajriet fir-raba', u l-irziezet. Tgħaddi mit-toroq imserrpin bil-ħitan tas-sejjieħ.
M'hemmx dubju s-siġar imneżżgħa fix-xhur kesħin imma biex imbagħad fl-istaġun tal-frott jisirqu x-xena għaliex ikunu mimlijin kuluri tal-frott tagħhom.
Tisma' l-għanjiet ferriħija u t-tpespis tal-għasafar li jgħammru fil-madwar.

Semmejt il-kmamar fir-raba'.
Fil-kampanja tagħna tiltaqa' wkoll ma' diversi lapidi kommemorattivi mwaħħlin ma' xi






***Lapida tal-irħam, b'tifkira ta' Leonardu Attard, tinsab fuq ħajt ta' kamra kbira fit-tarf ta' triq li twasslek għas-Salib tal-Għolja faċċata tar-ruħ***




Lapida differenti u kemmxejn oriġinali differenti mill-oħrajn għaliex minquxa fuq il-ġebel. Din tinsab fuq kmajra fit-triq/telgħa li twasslek għas-Salib tal-Għolja l-inħawi magħrufa bħala Ta' Ngħajsa. L-iskrizzjoni bit-taljan tgħid 'M.Assunta Catania di anni 25 mori il 22-7-1922'








Lapida tal-irħam b'tifkira ta' Wistin Baldacchino li miet fl-1942 b'diżgrazzja ta' balla tal-gwerra. Din tinsab fil-bidu ta' Triq ta' Lapsi magħruf bħala Ta' Franka.




*B'tifkira ta' Pawlinu Schembri li miet b'diżgrazzja fl-1952. Din tinsab fuq kmajra ftit metri 'l bogħod u fuq l-istess naħa ta' triq li twasslek ghal Għar Lapsi*




*Tifkira tal-mewt ta' Nikola Schembri li miet fl-1928. Din il-lapida tinsab fi triq li twasslek għall-Fawwara*







*Biex niftakru fid-diżgrazzja ta' Nikola Pace li miet b'diżgrazzja fl-1942. Dan permezz ta' lapida li tinsab fuq kamra ftit 'il bogħod mill-Knisja tal-Providenza fi triq ta' Lapsi.*

kmamar. Il-Ħsieb tagħhom kien li jfakkru l-mewt b'diżgrazzja ta' xi individwu u wkoll sabiex dak li jinzerta għaddej u jaqra, jgħid xi talba għal ruħ il-vittma.

Xi xhur ilu kont ħadt ritratt ta' skrizzjoni li kienet tinsab fuq kmajra li tinsab fit-telgħa tal-




***Lapida biex tfakkar il-mewt traġika ta' tfajjel Saverio Bonello li kien safa mejjet wara li waqa' fil-bir tal-għalqa qrib il-kamra li tinsab ftit 'l isfel mir-Ruħ***



***It-triq min San Lawrenz għas-Salib tal-Għolja***



***Il-lapida ta' Ġużeppi Vassallo tinsab taħt niċċa bl-istatwa ta' San Ġużepp u l-Bambin Ġesù***




***Lapida b'tifkira ta' Edgar Falzon li tinsab fit-triq li twassal għas-Salib tal-Għolja***

Għajn il-Kbira iżda sfortunatament illum m'għadhiex hemm.

Kien għalhekk li ħsibt li niġbor xi ftit minnhom biex jekk minħabba żvilupp jew xi raġuni oħra jispiċċaw, tal-anqas ikollna rikordju tagħhom u min jaqra jgħid xi talba għal ruħhom ukoll!




***Lapida b'tifkira ta' Ġużeppi Vassallo li tinsab fi triq li twassal għall-Fawwara***